



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Dokument ta' sessjoni

A7-0145/2014

27.2.2014

*****I**

RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2013)0622 – C7-0266/2013 – 2013/0302(COD))

Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Rapporteur: Corien Wortmann-Kool

Tifsira tas-simboli użati

- * Proċedura ta' konsultazzjoni
- *** Proċedura ta' approvazzjoni
- ***I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- ***II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- ***III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

Emendi għal abbozz ta' att

Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat

Il-partijiet tat-testi l-ġodda huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet tat-test imħassra huma indikati permezz tas-simbolu **■** jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni hija indikata billi t-test il-ġdid jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

WERREJ

Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW	5
NOTA SPJEGATTIVA.....	14
PROCĊEDURA.....	17

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2013)0622 – C7-0266/2013 – 2013/0302(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2013)0622),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 91(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C7-0266/2013),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-21 ta' Jannar 2014¹,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni tal-31 ta' Jannar 2014²,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 55 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (A7-0145/2014),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
 2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk ikollha l-ħsieb li temenda l-proposta b'mod sustanzjali jew li tibdilha b'test ġdid;
 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

¹ Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

² Għadha ma ġietx ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali.

Emenda 1

Proposta għal direttiva Premessa 4

Test propost mill-Kummissjoni

(4) *Iż-żamma ta' żewġ settijiet differenti ta' regoli, dawk għal* ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta *dwar in-Navigazzjoni* fuq ir-Renu *u dawk għal ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna, ma tiżgurax* iċ-ċertezza legali u *s-sikurezza*.

Emenda

(4) *Minħabba l-oqfsa legali u l-iskedi taż-żmien differenti għall-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, huwa diffiċli li tinżamm l-ekwivalenza bejn iċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna maħruġa skont id-Direttiva 2006/87/KE u ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni* fuq ir-Renu. *Għalhekk, iċ-ċertezza legali mhix żgurata, u dan għandu impatt potenzjalment negattiv fuq is-sikurezza tan-navigazzjoni.*

Emenda 2

Proposta għal direttiva Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Peress li s-CCNR bniet esperjenza vasta fl-aġġornament ta' rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, *dan* l-għarfien espert għandu jkun użat bis-sħiħ għall-passaġġi tal-ilma interni fl-Unjoni.

Emenda

(6) Peress li s-CCNR bniet esperjenza vasta *fl-iżvilupp u* fl-aġġornament ta' rekwiżiti tekniċi għal bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, *dak* l-għarfien espert għandu jkun użat bis-sħiħ għall-passaġġi tal-ilma interni fl-Unjoni. *Is-servizzi tal-Kummissjoni u s-CCNR iffirmaw Arranġament Amministrattiv fl-2013 biex jirrinforzaw il-kooperazzjoni bejniethom, partikolarment fir-rigward tal-iżvilupp tar-rekwiżiti tekniċi li jikkonċernaw il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. F'dan il-qafas, ġie maqbul li għandu jiġi stabbilit Kumitat (il-Kumitat għall-Folqien ta' Standards*

Tekniċi Ewropej (CESTE)) biex ifassal l-istandards tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni interna li tkun tista' issir referenza għalihom mill-Unjoni u mis-CCNR fir-regolamenti rispettivi tagħhom.

Emenda 3

Proposta għal direttiva Premessa 15

Test propost mill-Kummissjoni

(15) Iċ-ċertifikat tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna għandu jinħareġ lil inġenju li jgħaddi spezzjoni teknika mwettqa qabel ma l-inġenju jitqiegħed fis-servizz. Din l-ispezzjoni teknika għandha tintuża biex tikkontrolla jekk l-inġenju jikkonformax mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f'din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri **għandhom** ikunu intitolati li jwettqu spezzjonijiet addizzjonali fi kwalunkwe ħin sabiex jivverifikaw li l-istat fiżiku tal-inġenju jaqbel maċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna.

Emenda

(15) Iċ-ċertifikat tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna għandu jinħareġ lil inġenju li jgħaddi spezzjoni teknika mwettqa qabel ma l-inġenju jitqiegħed fis-servizz. Din l-ispezzjoni teknika għandha tintuża biex tikkontrolla jekk l-inġenju jikkonformax mar-rekwiżiti tekniċi stabbiliti f'din id-Direttiva. L-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri **se** jkunu intitolati li jwettqu spezzjonijiet addizzjonali fi kwalunkwe ħin sabiex jivverifikaw li l-istat fiżiku tal-inġenju jaqbel maċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna.

Emenda 4

Proposta għal direttiva Premessa 21

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Għandhom **jitqiesu bidliet fir-rekwiżiti** tekniċi **għal raġunijiet ta' sikurezza** tan-navigazzjoni interna **u l-ekwivalenza taċ-ċertifikati**. Meta jsir dan is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni **biex tadatta l-Annessi** ta' din id-Direttiva **skont il-progress** xjentifiku u tekniku jew **l-**

Emenda

(21) **Sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' sikurezza u effiċjenza għan-navigazzjoni interna u sabiex tinżamm l-ekwivalenza taċ-ċertifikati għan-navigazzjoni interna, ir-rekwiżiti tekniċi ddefiniti fl-Annessi għal din id-Direttiva għandhom jinżammu aġġornati sabiex jitqies il-progress xjentifiku u tekniku, u l-istandards** tekniċi **fil-qasam** tan-navigazzjoni interna. Meta jsir dan is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti

iżviluppi f'dan il-qasam li jirriżultaw minn xogħlijiet ta' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali, b'mod partikolari dawk tas-CCNR. **Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni** twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tnejni u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura **l-preżentazzjoni** simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tingħata lill-Kummissjoni **fir-rigward tal-adattament tal-Annessi** ta' din id-Direttiva **għall-progress** xjentifiku u tekniku jew **għall-iżviluppi u l-aġġornamenti tal-istandards tekniċi** li jirriżultaw minn xogħlijiet ta' organizzazzjonijiet oħra internazzjonali, b'mod partikolari dawk tas-CCNR. **Il-Kummissjoni għandha, b'mod miftuħ u trasparenti** twettaq konsultazzjonijiet xierqa **mal-partijiet interessati rilevanti kollha** matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Meta tnejni u tfassal l-atti delegati, il-Kummissjoni għandha tiżgura **t-trażmissjoni** simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

Emenda 5

Proposta għal direttiva Premessa 21a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(21a) Il-Kummissjoni għandha b'mod partikolari tadotta atti delegati biex tintroduċi rekwiżiti tekniċi għal bastimenti li jitħaddmu bil-gass naturali likwifikat (LNG), sabiex tkun permessa ċ-ċirkolazzjoni effikaċi u sigura ta' dawn il-bastimenti fil-passaġġi fuq l-ilma interni.

Ġustifikazzjoni

Neither the current directive nor the Commission's proposal defines specific technical requirements for vessels powered by liquefied natural gas (LNG). Navigation certificates for such types of vessels are issued on a case-by-case basis through derogations or recognition of technical requirements equivalence. As the Commission proposal for a Directive on the deployment of alternative fuels infrastructure (COM(2013)0018) aims to develop the use of LNG in inland navigation, and requires Member States to provide LNG refuelling points in inland ports of the TEN-T Core Network, it is of utmost importance that coherence between legislations is ensured and that navigation certificates are issued on a routine basis on the

basis of technical specifications agreed at Union level.

Emenda 6

Proposta għal direttiva Premessa 22a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(22a) Sabiex ikun żgurat qafas xieraq għall-koordinament u kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti għan-navigazzjoni tal-passaġġi fuq l-ilma interni, partikolarment is-CCNR, u l-iżvilupp ta' standards tekniċi komuni għan-navigazzjoni interna li għalihom jistgħu jirreferu l-Unjoni u l-organizzazzjonijiet internazzjonali, din id-Direttiva għandha tkun soġġetta għal reviżjoni, partikolarment fir-rigward tal-effikaċja tal-miżuri introdotti minn din id-Direttiva, kif ukoll il-mekkaniżmi għal kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali li huma kompetenti għan-navigazzjoni interna, bil-għan li tinkiseb damma uniku u uniformi ta' standards tekniċi.

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 8 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Iċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna **jistgħu** jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

1. Iċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna **għandhom** jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri.

Emenda 8

Proposta għal direttiva Artikolu 9 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika u żżomm aġġornata lista ta' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni approvati skont dan l-Artikolu.

Emenda

6. Il-Kummissjoni għandha tippubblika ***għall-ewwel darba sa ...***+ u żżomm aġġornata, lista ta' soċjetajiet ta' klassifikazzjoni approvati skont dan l-Artikolu.

+ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: sena wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 22 – paragrafu 1 – subparagrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-Kummissjoni għandha, sal-31 ta' Diċembru 2017, tadotta atti delegati bi qbil mal-Artikolu 24 rigward l-introduzzjoni ta' rekwiżiti speċifiċi għall-bastimenti li jitħaddmu bil-gass naturali likwifikat (LNG), skont il-Kapitolu 19ba tal-Anness II.

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. ***Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikoli 3, 4, 8, 10, 22 u 23 tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu indeterminat minn [id-data tad-dħul fis-seħħ tad-Direttiva].***

2. ***Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikoli 3, 4, 8, 10, 22 u 23 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin minn ...*. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-***

perjodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiżza awtomatikament għal perijodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

+ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill jista' jirrevoka d-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikolu 3, 4, 8, 10, 22 u 23** fi kwalunkwe żmien. Deċiżjoni **ta' revoka** ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew **minn** data aktar **'il quddiem kif speċifikat fid-Deċiżjoni**. Din ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li jkun hemm diġà fis-seħħ.

Emenda

3. Id-delega tas-setgħa msemmija **fl-Artikoli 3, 4, 8, 10, 22 u 23 tista' tiġi revokata** fi kwalunkwe żmien **mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill**. Deċiżjoni **li tirrevoka għandha** ttemm id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Hija tidħol fis-seħħ jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew **f'**data aktar **tard speċifikata fih**. Din ma taffettwax il-validità tal-atti delegati li jkun hemm diġà fis-seħħ.

Emenda 12

Proposta għal direttiva Artikolu 24 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3, 4, 8, 10, 22 u 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk **la l-Parlament Ewropew u lanqas il-Kunsill ma joġġezzjonaw fi żmien xahrejn minn meta l-Kummissjoni tinnotifikahom bl-att**. Il-Parlament Ewropew jew **il-Kunsill jista' jestendi dan il-perjodu**

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikoli 3, 4, 8, 10, 22 u 23 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk **ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-**

b'xahrejn.

perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Emenda 13

Proposta għal direttiva Artikolu 26a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 26a

Reviżjoni

*Il-Kummissjoni għandha tippreżenta, qabel ... *u kull tliet snin minn hemm 'il quddiem, rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li fih tirrevedi l-effettività tal-miżuri introdotti b'din id-Direttiva, b'mod partikolari fir-rigward tal-armonizzazzjoni tar-rekwiżiti tekniċi u l-iżvilupp ta' standards tekniċi għan-navigazzjoni interna. Ir-rapport għandu jirrevedi wkoll il-mekkaniżmi għall-kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet internazzjonali kompetenti fin-navigazzjoni interna. Ir-rapport għandu, jekk xieraq, jiġi akkumpanjat bi proposta leġiżlattiva sabiex jissimplifika iżjed il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni biex jiġu elaborati l-istandards li tkun tista' ssir referenza għalihom fl-atti legali tal-Unjoni.*

** ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data: tliet snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva.*

Emenda 14

**Proposta għal direttiva
Anness II - Kapitolu 19ba - titolu u intestatura (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

KAPITOLU 19ba

***REKWIŻITI SPEĊIFIĊI APPLIKABBLI
GĦALL-BASTIMENTI MĦADDMA
MINN GASS NATURALI LIKWIFIKAT
(LNG) (mhalli vojti)***

NOTA SPJEGATTIVA

Kuntest

Id-Direttiva 2006/87/KE tistabbilixxi l-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tekniċi għall-ħruġ ta' ċertifikati għan-navigazzjoni għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni li huma validi fuq il-passaġġi fuq l-ilma interni kollha tal-Komunità, inkluż ir-Renu. Id-Direttiva tiżgura wkoll li ċ-ċertifikati maħruġa skont l-Artikolu 22 tal-Konvenzjoni Riveduta għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu u ċ-ċertifikati għan-navigazzjoni interna tal-Unjoni jinħarġu abbażi tar-rekwiżiti tekniċi, li għandhom jiggarrantixxu livell ekwivalenti ta' sikurezza.

Madankollu, minħabba ż-żewġ oqfsa legali differenti – b'kull wieħed jopera b'regoli u proċeduri differenti – huwa diffiċli li tinżamm l-ekwivalenza taż-żewġ ċertifikati. L-għan tar-reviżjoni ta' din id-Direttiva huwa li tippermetti l-progress lejn sett uniformi uniku ta' standards tekniċi. Dan għandu jipprovdi aktar ċertezza legali u jiżgura li jkun jistgħu jiġu introdotti adattamenti tekniċi għall-progress tekniku fi żmien raġonevoli sabiex jiġi żgurat li jinżammu l-istandards għolja ta' sikurezza fil-passaġġi fuq l-ilma kollha tal-UE u li ma jkunx hemm tfixkil fl-innovazzjoni fis-settur.

Il-proposta tal-Kummissjoni hija maħsuba biex twitti t-triq lejn l-istabbiliment ta' kumitat dedikat li jikkonsisti f'esperti li jirrappreżentaw lill-Istati Membri tal-UE u tas-CCNR, u organizzazzjonijiet internazzjonali interessati oħra u partijiet interessati mis-settur tan-navigazzjoni interna. Ġie ffirmat arranġament amministrattiv bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-Segretarjat tal-Kummissjoni Ċentrali għan-Navigazzjoni fuq ir-Renu (CCNR) biex jiġi stabbilit il-Kumitat CESTE, jiġifieri l-Kumitat Ewropew għall-Ħolqien ta' Standards Tekniċi fil-qasam tan-navigazzjoni interna. Dan il-Kumitat għandu jiżviluppa u jaġġorna l-istandards tekniċi li jistgħu jirreferu għalihom kemm l-UE kif ukoll is-CCNR fir-regolamenti rispettivi tagħhom. Hija l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tuża dawn l-istandards meta tirrevedi l-Annessi tekniċi attwali.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma timmodifikax il-kontenut tekniku tad-Direttiva attwali imma tispeċifika b'mod ċar, fil-parti ewlenija tat-test, il-proċeduri tat-teħid tad-deċiżjonijiet, filwaqt li tħalli l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-proċeduri amministrattivi fl-Annessi għad-Direttiva. Il-Kummissjoni tipproponi li dawn l-Annessi għandhom jiġu riveduti bl-atti delegati.

L-opinjoni jiet tar-Rapporteur

Ir-Rapporteur tiegħek tilqa' l-għan tal-Kummissjoni li tarmonizza iżjed ir-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tintensifika l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjonijiet tax-Xmara, il-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa u l-Kummissjoni sabiex tiżdied l-effiċjenza u ċ-ċarezza legali li tant hija meħtieġa għas-settur tan-navigazzjoni interna, li jikkonsisti l-iżjed f'SMEs.

Tappoġġa biċ-ċar l-isforzi mwettqa mill-Kummissjoni biex tuża l-għarfien tekniku espert tas-CCNR, li żviluppa rekwiżiti tekniċi u li jiżgura spezzjonijiet tekniċi tal-bastimenti interni sa mill-bidu tas-seklu għoxrin; l-ewwel Regolamenti għall-Ispezzjoni ta' Bastimenti tar-Renu

(RVIR) jmorru lura għall-1905. Tinsab favur approċċ effikaċi u razzjonali għall-iżvilupp ta' standards armonizzati abbażi ta' għarfien espert rikonoxxut u li tevita piż amministrattiv u l-irduppar tal-isforzi mhux meħtieġ .

Ir-Rapporteur tiegħek għandha, madankollu, dubji dwar jekk il-proposta attwali hijiex adatta kompletament għall-qafas il-ġdid tal-kooperazzjoni bejn is-servizzi tal-Kummissjoni u s-CCNR fil-qasam tal-istandards tekniċi. Kif inhi bħalissa, il-proposta ma tirreferix għall-Kumitat li għandu jiġi stabbilit taħt l-awspiċji tas-CCNR u għall-proċeduri meħtieġa biex jiġu żviluppati standards unifikati u ssir konsultazzjoni mal-esperti.

Ir-Rapporteur tiegħek tixtieq tenfasizza li hija ma emendatx l-Annessi tekniċi għaliex l-għan tal-proposta huwa li toħloq qafas li jippermetti l-iżvilupp ta' sett unifikat ta' standards li jista' jintuża mill-UE kif ukoll mis-CCNR, u fi stadju iżjed tard minn organizzazzjonijiet internazzjonali oħra. Hija temmen li l-emenda tar-rekwiżiti tekniċi – li attwalment huma fil-biċċa l-kbira tagħhom konformi ma' dawk żviluppati mis-CCNR - toħloq iżjed konfużjoni u inċertezza legali u tkun kontroproduktiva għall-għan tal-proposta. Barra minn hekk, hija tal-opinjoni li l-iżvilupp jew ir-reviżjoni tar-rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti interni jeħtieġu esperjenza teknika u koordinazzjoni estensiva bejn is-CCNR, l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi terzi.

Ir-Rapporteur tiegħek tilqa' l-allinjament tas-setgħat li jistgħu jingħataw lill-Kummissjoni skont ir-regoli l-ġodda tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). Hija ġeneralment taqbel mas-setgħat proposti li tadotta atti delegati u ta' implimentazzjoni. Is-setgħat proposti li jingħataw lill-Kummissjoni jagħmluha iżjed faċli u iżjed effiċjenti biex ir-rekwiżiti tekniċi jiġu ssupplementati jew adattati fil-futur u biex jippermettu derogi jew jirrikonoxxu l-ekwivalenza tar-rekwiżiti tekniċi.

Ir-Rapporteur tiegħek hija konxja li l-flotta tal-passaġġi fuq l-ilma interni hija sostenibbli ħafna grazzi għall-ħajja twila tagħha, imma jistgħu jinkisbu benefiċċji ambjentali addizzjonali f'termini tas-sustanzi li jniġġsu l-arja jekk il-propulsjoni tal-flotta tiġġedded b'mod progressiv jew tiġi immuntata b'teknoloġiji tal-ogħla livell. Attwalment il-magni tal-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni jridu jikkonformaw mal-valuri limitu tal-emissjonijiet tal-gassijiet tal-ekżost stipulati fid-Direttiva 97/68/KE¹ (Direttiva NRMM), sakemm ma jingħatawx derogi. Din id-Direttiva hija, madankollu, attwalment taħt reviżjoni mill-Kummissjoni. Ladarba din id-Direttiva NRMM ttiprovdi qafas ċar dwar il-valuri l-ġodda ta' emissjoni għall-magni tal-passaġġi fuq l-ilma interni, id-Direttiva għandha ttiprovdi l-possibbiltà li l-valuri tal-emissjoni jiġu adattati għall-magni eżistenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni skont il-proċeduri definiti fid-Direttiva.

Finalment, ir-Rapporteur tiegħek temmen li l-politika strutturata tajjeb b'għanijiet fuq perjodu qasir u medju li jistgħu jintlaħqu tkun assi għas-settur b'potenzjal għoli. Iċ-ċertezza li tikkonċerna l-qafas legali hija mingħajr dubju prekondizzjoni biex tattira jew tistimula l-investimenti fis-settur biex b'hekk tiżgura l-iżvilupp sostenibbli tas-suq tal-passaġġi fuq l-

¹ dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-miżuri kontra l-emissjoni ta' inkwinanti ta' gass u partikolati minn magni tal-kombustjoni interna li għandhom jiġu installati f'makkinarju mobbli mhux tat-triq

ilma interni. Hija għalhekk tistieden lill-Kummissjoni biex tlaħħam il-qafas tan-NAIADES II u ttiprovdi kemm jista' jkun malajr azzjonijiet konkreti li jqisu l-ispeċifitàjiet tas-settur ibbażat l-iżjed fuq l-SMEs.

PROCĊEDURA

Titolu	Rekwiżiti tekniċi għall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni (tħassir tad-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill)		
Referenzi	COM(2013)0622 – C7-0266/2013 – 2013/0302(COD)		
Data meta ġiet ippreżentata lill-PE	10.9.2013		
Kumitat responsabbli Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	TRAN 22.10.2013		
Kumitat(i) mitlub(a) jagħti/u opinjoni Data tat-tħabbir fis-seduta plenarja	ITRE 22.10.2013		
Opinjoni(jiet) mhux mogħtija Data tad-deċiżjoni	ITRE 25.9.2013		
Rapporteur(s) Data tal-ħatra	Corien Wortmann-Kool 22.10.2013		
Eżami fil-kumitat	25.11.2013	17.12.2013	11.2.2014
Data tal-adozzjoni	20.2.2014		
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: -: 0:	32 1 0	
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Inés Ayala Sender, Georges Bach, Izaskun Bilbao Barandica, Michael Cramer, Joseph Cuschieri, Philippe De Backer, Luis de Grandes Pascual, Saïd El Khadraoui, Ismail Ertug, Jacqueline Foster, Franco Frigo, Mathieu Grosch, Jim Higgins, Dieter-Lebrecht Koch, Georgios Koumoutsakos, Eva Lichtenberger, Marian-Jean Marinescu, Gesine Meissner, Dominique Riquet, Brian Simpson, Giommara Uggias, Peter van Dalen, Patricia van der Kammen, Artur Zasada		
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Spyros Danellis, Isabelle Durant, Eider Gardiazábal Rubial, Alfreds Rubiks, Bernadette Vergnaud, Corien Wortmann-Kool, Janusz Władysław Zemke		
Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Birgit Sippel, Robert Sturdy		
Data tat-tressiq	27.2.2014		